**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 172/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tiegħu ippremettiet:

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar il-hamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sitta u disgħin (1996) (Ara ċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. ARB 1');

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal, li llum il-ġurnata għandhom tmientax (18)–il sena u erbatax (14) –il sena rispettivament (Ara ċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. ARB 2' u 'Dok. ARB 3');

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti *stante*:

   i. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament, u għalhekk *de facto* separati, sa minn circa nofs s-sena elfejn u disgha (2009), filwaqt li ilhom legalment separati sa

mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Diċembru tas-sena elfejn u hdax (2011) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Elena Farrugia (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. ARB 4');

ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni oħra;

iii. Illi *ai termini* tal-klawżola numru erbgħa (4) tal-fuq imsemmi kuntratt ta' separazzjoni datat 27 ta' Diċembru, 2011 ('Dok. ARB 4'), il-partijiet irrinunzjaw għall-obbligu tal-manteniment reċiproku u, għalhekk, l-ebda manteniment m'hu dovut f'dan ir-rigward;

iv. Illi l-imsemmi kuntratt tas-27 ta' Diċembru, 2011 gie ammendat permezz ta' kuntratt datat disgha (9) ta' Awissu elfejn u tnax ( 2012) fl-atti tal-istess Nutar Elena Farrugia, kopja hawn annessa u markata dok ARB 5; illi ai termini ta' klawzola 5(iii) tal-istess kuntratt Charles Magri obbliga ruħu illi jħallas manteniment ghall-uliedu fuq imsemmija fl-ammont hemm stipulat; illi s'issa ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-imsemmi manteniment;

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-*affidavit* hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. ARB 6'.

5. ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l- partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;

Talbet, *in vista* tas-*suespost*, li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun *a tenur* tal-Artikolu 66 A *et seq* tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fid-25 ta' Mejju, 1996;

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz tieghu ikkonferma :

1. Illi minkejja mhux notifikat, ghal kull buon fini, l-esponenti konvenut qieghed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors odjern;
2. Illi l-esponenti konvenut jikkonferma li l-partijiet izzewgu nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, cioe' Analyse u Nejla ahwa Magri, li llum il-gurnata ghandhom tmintax (18)-il sena u erbatax (14)-il sena rispettivament;
3. Illi hekk kif sottlineat mir-rikorrenti, l-esponenti konvenut jikkonferma li r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti *stante* :

   i. Il-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk *de facto* separati, sa minn circa nofs s-sena elfejn u disgha (2009), filwaqt li ilhom legalment separati sa mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011) in forza ta' kuntratt gja anness u mmarkat bhala 'Dok ARB 4';
   ii. Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
   iii. Filwaqt li fir-rigward tal-manteniment reciproku l-ebda manteniment m'hu dovut, fir-rigward tal-manteniment dovut mill-esponenti ghall-ulied, ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar l-imsemmi manteniment;

4. Illi da parti tieghu l-esponenti qieghed jikkonferma tali fatti fl-*affidavit* hawn anness u mmarkat bhala '**Dok. CHM 1'**;
5. Illi l-fatti kollha indikati f'din ir-risposta huma maghrufin lill-esponenti personalment;

6. Illi in vista tas-suespost, l-esponenti mhux jopponi t-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Lulju, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta Dicembru, 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.